Australian Government
Department of Health

**Sapport għan-niket u għat-trawma għal dawk milquta mill-COVID-19 fis-settur tal-kura tal-anzjani**

Il-Gvern Awstraljan qed jiffinanzja servizzi biex joffru sapport għan-niket, għat-telf u għat-trawma fis-settur Awstraljan tal-kura tal-anzjani. Is-servizzi jistgħu jinkisbu mir-residenti tal-kura residenzjali tal-anzjani, dawk li jirċievu kura fid-dar, il-maħbubin tagħhom u l-istaff tal-kura tal-anzjani. Int tista' tuża dawn is-servizzi int stess, jew tinforma lill-maħbubin u lill-komunitajiet tiegħek dwarhom.

Huma bla ħlas għal kulħadd għall-użu tagħhom.

Dawn l-organizzazzjonijiet kollha jirrispettaw il-kultura, ir-reliġjon, l-identità u l-istil tal-ħajja tal-persuni. Jekk int jew xi persuna maħbuba tiegħek għandkom bżonn interpretu, ċemplu lit-Translating and Interpreting Service (Servizz tat-Traduzzjoni u l-Interpretar) fuq **131 450**. Staqsi għall-lingwa tiegħek u għas-servizz li trid tkun ikkonettjat miegħu.

**Sapport għan-niket u għat-telf**

**Pariri permezz tat-telefown:**

L-Australian Centre for Grief and Bereavement (Iċ-Ċentru Awstraljan għan-Niket u għat-Telfa jew Mewt ta' Xi Ħadd fil-Familja) jgħin lill-istaff tal-kura tal-anzjani, lill-provvedituri tal-kura tal-anzjani, lill-gruppi reliġjużi u komunitarji biex jissapportjaw il-komunitajiet tagħhom ikampaw man-niket u mat-telf minħabba COVID-19. Ċempel **1800 222 200** għall-parir kif tgħin lill-komunità tiegħek.

Meta ċċempel, tista' tkellimhom dwar x'għandek bżonn biex jissapportjawk jew lill-maħbubin tiegħek. Dan jista' jinkludi servizz ta' pariri fi grupp jew sezzjonijiet fuq bażi individwali ma' professjonist permezz ta' telehealth (bit-telefown jew permezz ta' vidjokonferenza) jew personalment.

L-Australian Centre for Grief and Bereavement għandu staff bilingwali li jaħdmu ma' klijenti bl-Għarbi, biċ-Ċekk, bil-Farsi, bil-Franċiż, bit-Taljan, bil-Ġappuniż, bil-Malti, bis-Sinħaliż, bit-Tamil, bl-Ispanjol u bil-Yiddish. Staqsi għall-lingwa tiegħek meta ċċempel. Għall-lingwi oħra, l-ewwel ċempel lis-Servizz tat-Traduzzjoni u l-Interpretar fuq **131 450** u staqsi għall-Australian Centre for Grief and Bereavement.

L-Australian Centre for Grief and Bereavement jissapportja wkoll l-użu tal-Auslan għat-torox u għall-persuni li għandhom impediment tas-smigħ.

**Sapport tad-Dimenzja**

Dementia Support Australia jipprovdi għajnuna ta' 24 siegħa madwar l-Awstralja, 365-il ġurnata fis-sena. Huma jipprovdu parir u rakkomandazzjonijiet lill-persuni li jieħdu ħsieb xi ħadd bid-dimenzja. Ċemplilhom fuq **1800 699 799**. Jekk int jew xi persuna maħbuba tiegħek għandkom bżonn interpretu, ċemplu lit-Translating and Interpreting Service fuq **131 450** u staqsi għal Dementia Support Australia.

**Servizz ta' Min Jitkellem Għalik (Advocacy):**

L-Older Persons Advocacy Network (In-Netwerk ta' Min Jitkellem Għalik tal-Persuni Akbar fl-Età) jwassal servizzi tal-advocacy tal-kura tal-anzjani madwar l-Awstralja. Jekk int għandek problemi dwar is-servizzi tal-kura tal-anzjani li qed tirċievi, jistgħu jgħinuk. L-Older Persons Advocacy Network jipprovdi servizz tal-advocacy, tagħrif u edukazzjoni bla ħlas, kunfidenzjali u indipendenti lill-persuni akbar fl-età, lill-familji tagħhom u lir-rappreżentanti tagħhom. Ċemplilhom fuq **1800 700 600**. Jekk int jew xi persuna maħbuba tiegħek maħbubin tiegħek għandkom bżonn interpretu, ċempel lit-Translating and Interpreting Service fuq **131 450** u staqsi għal Older Persons Advocacy Network

**Aktar tagħrif dwar COVID-19**

Hu importanti li żżomm ruħek infurmat permezz ta' sorsi uffiċjali. Żur health.gov.au jew ċempel lin-National Coronavirus Helpline (il-Linja Nazzjonali tal-Għajnuna tal-Coronavirus) fuq **1800 020 080**. Għas-servizzi tat-traduzzjoni u l-interpretar ċempel **131 450** u staqsi għan- National Coronavirus Helpline.